www.sbadvocates.com.mt

SB
Spiteri Bailey Advocates

158 Merchants Street Valletta VLT 1176 Malta
t: +356 21 447 047
f: +356 21 491 069
info@sbadvocates.com.mt

5 ta' Ottubru 2015

Dr Paul Gonzi
198, Old Bakery Street,
Valletta

Dr Gonzi,

Ghan-nom tal-Union Haddiema Maghqudin ta' Dar Reggie Miller, St. Thomas Street, Floriana, ngharrfek illi l-UHM hadet nota tal-ittra tieghek tat-2 ta' Ottubru 2015. Kif tghid ben tajjeb inti fl-ewwel paragrafu tal-ittra tieghek, il-UHM qed titlob ir-rikonoxximent ewlieni ghall-haddiema KOLLHA tal-kumpannija MTPSOL.

Dan jaghmel superfluwu u rrelevanti l-bqija tal-kontenut tal-ittra tieghek – in kwantu illi l-proceduri legali kollha minnek msemmija kienu jirrivolvu madwar it-talba li kienet saret xhur ilu mill-UHM ghar-rikonoxximent ewlieni tax-xufiera biss. Kull procedura legali, maghluqa jew pendenti, tippernja madwar il-posizzjoni ta' xhur ilu, ossia, it-talba tal-UHM sabiex tigi rikonoxxuta bhala l-Union rappresentattiva tax-xufiera biss – tant illi, kif taf tajjeb inti, fl-ewwel process legali, it-Tribunal Industrijali, b'decizjoni tal-11 ta' Frar 2015, kien iddecieda illi tali xufiera ghandhom jitqiesu bhala "*a separate bargaining unit*". U la semmejt tant proceduri legali fl-ittra tieghek – il-UHM tfakkrek illi dawk il-proceduri kollha skattaw appuntu in segwitu ghal din id-decizjoni tat-Tribunal msemmija.

Illum, u dan il-kumpannija tafu tajjeb, it-talba maghmula mill-UHM hija ghal kollox differenti. Anzi, jinghad ulterjorment illi fid-dawl tat-talba ghar-rikonoxximent tal-haddiema **KOLLHA** tal-MPT, il-UHM qed tiddikjara, u hekk qed tikkonsidra taghmel ukoll fl-atti pendenti quddiem il-Qrati, illi hi ma ghandix aktar interess li tressaq il-quddiem il-pretensjoni taghha ta' rikonoxximent BISS u LIMITATAMENT ghax-xufiera tal-MPT. F'dawk il-proceduri pendenti ser tirregola l-posizzjoni taghha, u ghalhekk, ghaliha issa saru superfluwi u irrelevanti fid-dawl tal-fatt illi issa qed titlob ir-rikonoxximent tal-haddiema KOLLHA tal-MPT, talba gdida u diversa, peress illi jirrizulta illi fix-xhur li ghaddew il-UHM otteniet is-shubija fi hdanha tal-maggoranza tal-haddiema KOLLHA tal-MPT.

F'dan il-kuntest ghalhekk, qed tigi mgharraf illi jekk sa' zmien 24 siegha, il-kumpannija mhux ser tghaddi biex tikkunsidra favorevolment it-talba tal-Union ghal rikonoxximent tal-haddiema KOLLHA, inkluz jekk mehtieg, billi toffri process serju ta' verifika, allura l-Union ma jkolliex alternattiva ghajr illi tirregistra tilwima industrijali gdida mal-kumpannija u tirrizerva illi tiehu azzjonijiet industrijali fil-kuntest ta' din it-tilwima gdida, filwaqt illi tqis dik ta' xhur ilu mitmuma u ezawrita, u tkun hi stess illi tressaq b'mod immedjat it-tilwima quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex isir process ta' verifika wahdani bil-ghan illi din il-pendenza tigi maghluqa darba ghal dejjem. U dan kollu minghajr pregudizzju ghad-dritt illi tal-Union esponenta li tiehu dawk l-azzjonijiet industrijali kollha li huma legittimi fid-dawl ta' din it-tilwima **gdida**.

Fil-frattempt, il-kumpannija ghanda tiddezisiti milli theddid bi proceduri ghad-danni u ghandha tifhem illi bhal ma l-kumpannija taghmel dak li jaqbel lill-azzjonisti taghha, il-Union tara l-interessi tal-membri taghha, u theddid inutili ma jaghmel ebda gid lil hadd.

Inselli Ghalik,

Avv. Ian Spiteri Bailey

c.c. UHM